**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum **it-Tnejn 19 ta' Novembru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Spiteri)**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs.**

**A**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti b'digriet tas-26 ta' Settembru 2018 - migjuba kontra:

A

Akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer, u/jew gewwa .... fit-8 ta’ Gunju, 2018 u fis-snin ta’ qabel b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Bi vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta’ B, liema delitt sar fuq il-persuna tal-konjugi/koabitant (Artikoli 198, 202 (h)(i)(j) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. U aktar talli bl-imgieba tieghu ikkaguna lil B il-biza li ser tintuza vjolenza kontrijha jew kontra l-propjeta’ taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1) tal-Kapitolu 9 (Art 251 B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

3. U aktar talli insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b’mod iehor lil B (Artikolu 339 (1)(e) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta tal-vittma B.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li fl-ewwel seduta, u cioe dik tas-26 ta’ Settembru 2018, Dottor Lennox Vella ghall-parte civile B iddikjara li l-parte civile ma tixtieqx tixhed kontra zewgha u tixtieq ukoll tirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli.

F'dik l-istess seduta, din il-Qorti iddikjarat li qabel ma taghti decizjoni jekk tordnax li dawn il-proceduri jitkomplew jew le, hija riedet tisma' xi provi.

Fis-seduta tas-26 t'Ottubru 2018, din il-Qorti hatret lill-Psikjatra Dottor George Debono sabiex jaccessa l-files medici tal-parte civile, kif ukoll sabiex jirraporta dwar l-istat mentali tal-parte civile matul dawn l-ahhar ghoxrin sena u sabiex jiddetermina jekk l-istess parte civile ghandhix il-kapacita necessarja sabiex tapprezza l-konsegwenzi tar-rinunzja tar-rapport ta' vjolenza domestika maghmul minnha.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet f'varji stadji ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Dan id-digriet hu limitat ghal decizjoni jekk din il-Qorti ghandhix tilqa' t-talba tal-parte civile u twaqqaf dawn il-proceduri ai termini tal-Artikoli 543(f) u (e) tal-Kodici Kriminali.

Kif diga inghad, fl-ewwel seduta f'dawn il-proceduri, il-parte civile B iddikjarat li ma tixtieqx tixhed kontra zewgha u tixtieq ukoll tirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli.

Rigward din ir-rinunzja tal-parte civile, jigi relevat li l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-imputat huma prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio,* hlief ghat-tielet imputazzjoni, u cioe l-imputazzjoni ta' insulti, theddid u ingurji bi kliem jew mod iehor, li normalment tehtieg il-kwerela tal-parti leza (Artikolu 339(2) tal-Kodici Kriminali). Pero ai termini tal-Artikolu l-Artikolu 543 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi: *"Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*
*[...]*
*(e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:*
*Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza abbazi tal-Generu u l-Vjolenza Domestika."*

L-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza abbazi tal-Generu u l-Vjolenza Domestika (Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta’ Malta) jghid illi: *“"vjolenza domestika" tfisser kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta’ vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta’ dak l-att jew ommissjoni, ... ... li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika,”*

Min-naha l-ohra, l-istess Artikolu 2 tal-Att jghid ukoll illi *“"familja jew unità domestika" tinkludi:*

*(a) konjuġi ... ...;”*

Konsegwentement, ir-rinunzja tal-*parte civile* ma jistghax ikollha effett fuq dawn il-proceduri kriminali.

Pero fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2018, Dottor Lennox Vella ghall-parte civile talab ai termini tal-Artikolu 543(e) u (f) tal-Kodici Kriminali, li din il-Qorti twaqqaf dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Il-*proviso* tal-Artikolu 543(e), li jikkoncerna reati ta’ vjolenza domestika, u l-Artikolu 543(f) li jikkoncerna r-reat ta’ stupru huma prattikament identici. Il-*proviso* tal-Artikolu 543(f) jippreskrivi hekk:

*Iżda, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta’ dan l-artikolu għal reat imsemmi f’dan il paragrafu, vittma allegata ta’ reat li jinvolvi stupru tista’ titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista’ tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, kull minuri involuti, u kull terzi persuni relevanti oħra.”*

Il-*proviso* tal-Artikolu 543(e) huwa identiku hlief li minflok il-kliem *“reat li jinvolvi stupru”*, hemm il-kliem *“reat li jinvolvi vjolenza domestika”*.

Fil-kaz odjern, l-ewwel imputazzjoni hija tar-reat ta' stupru, fil-waqt li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet jaqghu fid-definizzjoni ta' "vjolenza domestika" preskritta fil-Kapitolu 581.

F'din il-kumpilazzjoni xehed l-Ufficjal Prosekutur John Spiteri li qal li fit-8 ta' Gunju 2018, il-parte civile B kienet marret l-ghassa tal-Pulizija flimkien mas-social workers tal-Agenzija Appogg, u ghamlet rapport fejn allegat li ghal snin twal kellha relazzjoni mal-imputat u kellhom tifel maggoreni. Pero kien ikollha hafna glied mal-imputat ghax ma kien ihalliha taghmel xejn. Hi spjegat li dak in-nhar inqala' argument fil-ghodu ghax kient qed tahsel barra fuq l-ghatba, ghax ma kienux jaqblu fuq l-istil ta' kif kien isir dan il-hasil. Pero din il-kwistjoni trivjali skalat, u l-imputat beda jheddidha bil-mewt, u jghajjarha, u hi telqet il-barra u marret issib refugju go shelter. Hi qalet li l-imputat kemm-il darba kien ikun vjolenti maghha u kien ikollhom dawn it-tipi ta' argumenti, pero qatt ma kienet ghamlet rapport lill-Pulizija. Hi qalet ukoll li kien hemm abbuz sesswali min-naha tal-imputat ghax kien irid ikollu x'jaqsam maghha b'mod anali kontra l-volonta taghha, u kien hemm okkazzjonijiet fejn hija kienet tghidlu biex jieqaf ghax barra li ma kienitx trid, kienet qed twegga' u dan nonostante hu kien ikompli u gieli anki jidhaq. Hi spejgat li l-imputat kien jaf li hi kellha xi problemi ta' natura psikjatrika, u minflok jghin, huwa aktar kien qiegħed jitfaghha f'posizzjoni dipressanti.

L-Ufficjal Prosekutur xehed ukoll li fl-istqarrija tieghu, l-imputat spjega li l-kundizzjoni psikjatrika tal-mara tieghu kienet wahda pjuttost akuta, u ghal dawn l-ahhar snin kien imur maghha ghand it-tobba minhabba din il-problema, u li kien hemm anke drabi fejn il-parte civile giet rikoverata l-isptar Monte Carmeli. Kienet din il-kundizzjoni psikjatrika taghha li hafna drabi kienet tikkaguna d-disgwidi verbali ta' bejniethom, ghax hu ma kienx jaqbel mal-mod ta' kif hi kienet taghmel xi affarijiet, ghax ma kienx agir ta' persuna normali. L-imputat spjega kif tul dawn it-tnejn u ghoxrin (22) sena, kemm hu, kif issa wkoll ricenti bl-assistenza tat-tifel, kemm ilu li kiber, kienu jippruvaw joqghodu attenti kif igibu ruhhom fil-konfront tal-problema psikjatrika tal-mara tieghu. Huwa ammetta li kien hemm okkazzjoniijiet fejn spicca tilef ir-raguni hu wkoll minhabba l-agir mhux normali taghha, u li anke hu kien ifittex ghajnuna psikologika, ghax din il-kundizzjoni kienet ta' piz ghalih ukoll. Dwar ir-relazzjonijiet intimi b'mod anali, l-imputat qal li dan kien isir bil-kunsens tal-mara tieghu, u anki kien hemm drabi

fejn kienet hi li kienet tistiednu. Hu ammetta li jista' jkun li seta' kien hemm xi darba fejn hija kienet wegghet, pero qal li hu ma kienx kompla jippenetra. L-Ufficjal Prosekutur kompla jghid li ftit jiem wara dan l-incident tat-8 ta' Gunju 2018, il-*parte civile* telqet mix-shelter u marret lura d-dar tghix mal-imputat.

L-Ufficjal Prosekutur kien tkellem mal-psikjatra tal-*parte civile* li infurmah li l-kundizzjoni psikjatrika taghha kienet skizofrenija. Hu kien kellem ukoll lit-tifel tal-partijiet, li ghalkemm ma xtaqx jiehu ebda posizzjoni favur jew kontra ommu jew missieru, spjega li l-hajja f'din ir-residenza kienet pjuttost difficli, u li missieru kemm-il darba jiehu pacenzja b'ommu, u li kien spicca telaq mix-xoghol u nehha wkoll xi delizzju tal-hamiem proprju biex ikun jista' jaghti iktar attenzjoni lil ommu.

L-Ufficjal Prosekutur Nicholas Vella zied jghid li kienet infethet inkjesta fuq dan ir-rapport, u l-Magistrat Inkwerenti kien hatar lil Dottor Mario Scerri, biex jezaminha fizikament. Pero wara li kellmu lill-*parte civile,* innutaw certu affarijiet, kemm fid-diskors taghha u kemm fl-atteggament taghha. Huwa informa b'dan lill-Magistrat Inkwerenti li hatar lill-Psikjatra Joe Cassar bhala espert, biex jezaminha mil-lat psikatriku. Ghalkemm l-Ispettur Vella xehed li l-Pulizija talbu li l-inkjesta tigi maghluqa, pero qatt ma gietipprezentata f'dawn il-proceduri.

Il-Prosekuzzjoni harrket ukoll lill-psikjatra John Mifsud li xehed li ilu l-psikjatra kuranti tal-parte civile ghal iktar minn ghoxrin sena. Huwa kkonferma li l-marda tal-parte civile hija skizofrenija, jigifieri li ma jkunx hemm kuntatt mar-realta, u ilha dan iz-zmien kollu tiehu l-kura. Huwa qal li jkollha perjodi tajbin u perjodi hziena, u cioe perjodi ta' deluzjonijiet, fejn il-kuntatt mar-realta jinkiser. Huwa xehed li ghal dawn l-ahhar circa sitt xhur (li allura jkopri Gunju 2018), hija kienet ftit instabbli. Huwa xehed li matul dawn is-snin osserva kemm l-imputat ghamel sagrificcji ghaliha, minkejja l-fatt li meta jkollha perjodi hziena, kienet tghajjru. Pero il-Psikjatra xehed li meta huwa kien jghid lill-imputat li ahjar li tigi rikoverata l-Isptar Monte Carmeli, l-imputat kien jirrifjuta u kien jghidlu li ma ridiex tiggeninlu, u li kien se jiehu pacenzja biha hu.

Il-Psikjatra John Mifsud spicca x-xhieda tieghu hekk: *"... ... (K)ont tkellimt maghha minghalija wahedha u wara li beda dan il-kaz u ghidtilha speci: "X'inhi u x'gara?" ghax jien m'ghandix*

*minn dak u minn l-iehor u rrid nara li l-pazjenti tieghu ma jigux abbuzati. U kient qaltli li, dejjem fi kliemha, jekk niftakar sewwa, u tista tikkoregini ghax qieghda hawn, li l-Agenzija ... ... l-Appogg ittradewha u qalet illi kienu bdew jistaqsuha hafna affarijiet intimi, fosthom tal-anal intercourse, li hi kienet taghmel, imma minhabba li sthat tghidilhom li riedet taghmel hi, qaltilhom "Le, ma nkunx irrid", qalula; "Mela rape". Jigifieri dika x'qalet hi. Ma kontx maghha jien, qed nirrakkonta x'qalet hi. U mbaghad qaltilhom: "Ma nistax inwaqqa kollox?" dejjem jekk niftakar sew u tista tikkoregini, qalulha "Jekk twaqqa kollox nibghatu lilek Mt. Carmel". U twerwret. Issa jekk hux veru jew le, ma kontx hemm. Reported Speech."*

Xehed ukoll il-Psikjatra Dottor George Debono mahtur bhala espert minn din il-Qorti, li pprezenta wkoll r-relazzjoni tieghu. Huwa kkonferma l-parte civile kienet tbati minn skizofrenija, u fil-passat kellha tidhol bosta drabi l-isptar Monte Carmeli taht il-psikjatra Dottor John Mifsud. Pero mill-2004 kellha nuqqas kbir tas-sintomi psikotici. Fil-fatt mill-2007 bdew innaqsulha d-doza tal-medicini. Hija qiegha tattendi regolarment l-*out patients*, dejjem akkumpanjata mir-ragel taghha. Fir-relazzjoni tieghu, l-espert Psikjatra Debono qal hekk dwar l-istat mentali prezenti tal-*parte civile*:

*"Is-sinjura B ipprezentat ruhha liebsa pulit, kienet kooperativa, orjentata tajjeb u kienet kapaci tifhem kull mistoqsija li ghamiltilha u tirrispondi korrettement u minghajr ezitazzjoni. Il-burdata taghha kienet tajba u kongruwenti. Koncentrazzjoni u l-memorja kienet tajba u ma kellha ebda sintomi psikotici attivi. Hi tapprezza l-fatt tal-marda li ghandha u li ghandha bzonn tibqa' tiehu l-kura.*

*Hi qaltli li xi kultant ir-ragel kien isawwatha ghax kien nervuz. Meta staqsejtha jekk forsi kienet taghmillu biex, hi qaltli li hu nervuz u lanqas li kieku m'ghandu qatt isawwat mara. Fuq il-kaz ta' stupru, hi kienet ftit ezistanti, izda qaltli li dakinnhar kellhom imorru l-bahar fil-ghodu imma kellhom xi jghidu ghax qaltlu li ma ridietx ikollha x'taqsam mieghu fl-att ta' sodomija ghax ma kienitx toghgobha. Izda meta mistoqsija jekk kienx hemm aktar drabi ta' din il-forma ta' att sesswali, hi qaltli iva bil-kunsens taghha, izda qatt ma kien l-att preferut.*

*Fin-noti tal-isptar tal-hamsa ta' Settembru 2018 kien hemm miktub li hi gharfet il-fatt li akkuzat ir-ragel taghha fuq stupru u vjolenza ghax kienet irrabbjata. Meta mistoqsija ghaliex telqet mid-dar, hi qaltli "biex intih tghalima", imma qaltli "jien qatt ma hsibt li ser nispicca bil-pulizija ghax li kieku qatt ma kont naghmel hekk." Hi qaltli li thobb lir-ragel u hu anke hu jhobbha. Hi ziedet tghid li minn dak in-nhar ikkallma u nbidel, qieghed jitlob u miexi sew maghha, u ghandhom relazzjoni sesswali tajba. Mistoqija jekk jerga' jsawwata x'taghmel hi qalet li issa inbidel ghax jaf li jekk jerga' jien naghmel l-istess. Anke ohti qalet li hi l'istess tohrogni mid-dar.*

*Fix-xhieda ta' Dottor Mifsud li jaf il-familja sew qal illi r-ragel jiehu hsiebha u jipprotegiha hafna. Qalli ukoll illi kemm il-darba kienet tghajjru u tinsultah ghax jikkoregiha, it-tifel taghha ukoll kien qal lil Dr Mifsud li ommu taghmel hafna affarijiet strambi u ghalhekk jinqalaw il-kwistjonijiet, per ezempju tahsel barra t-triq u ttajjar l-ilma fuq il-bibien tal-girien, bil-konsegwenza li dawn in-nies jiddejqu, madankollu tibqa' taghmilha. Qallu ukoll li missieru jiehu hsieb hafna lil ommu, jippreparalha l-medicini u alla hares ma jkunx hu ghax ma jafx xi jsir minnha. Il-psikjatra Maria Axiaq fin-noti taghha qalet ukoll illi ir-ragel huwa protettiv hafna.*

***Konkluzjoni***

*Ghad li Ms B tbati minn skizofrenija, jidher li fil-prezent hija ikkontrollata u m'ghandhix sintomi psikotici akuti, u kapaci bizzejjed biex tifhem il-kuncett ta' vjolenza domestika u tiehu l-passi necessarji."*

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2018, l-espert Psikjatra Dottor Debono rega' ikkonferma li l-parte civile ghandha l-kapacita mentali li tirtira l-kwerela taghha, u li tifhem il-konsegwenzi li twaqqaf dawn il-proceduri kriminali kontra r-ragel taghha.

Wara li l-espert Psikjatra Debono xehed u ipprezenta r-relazzjoni tieghu, gie verbalizzat hekk:
*"Dr Lennox Vella ghall-parte civile B jiddikjara illi B terga' ssostni ix-xewqa taghha illi tirtira dak kollu li jista' jigi irtirat f'dawn il-proceduri u tixtieq li tigi ezentata milli tixhed f'dawn il-proceduri.*

*Inoltre Dr Lennox Vella ghall-parte civile jitlob ai termini tal-artikolu 543 (e) u (f) tal-Kodici Kriminali, li din il-qorti twaqqaf dawn il-proceduri kontra l-imputat.*

*Il-qorti fehmet lill-parte civile B il-konsegwenzi tat-talbiet taghha li ma tixhidx u li dawn il-proceduri jieqfu kontra l-imputat u l-parte civile baqghet tikkonferma li hi riedet tahfer lill-imputat u li l-proceduri kriminali kontrih jieqfu u li dan qed taghmlu minghajr ma kienet qeghda tigi imgieghlha minn hadd."*

Fid-dawl tal-fatti fuq esposti, din il-Qorti ma thossx li jkun idoneju li tezercita d-diskrezzjoni taghha taht l-Artikolu 633(2) tal-Kodici Kriminali u ggieghel lill-*parte civile* li tixhed f'dawn il-proceduri kontra x-xewqa taghha. Fis-seduta tas-26 t'Ottubru 2018, l-Ufficjal Prosekutur kien iddikjara *"illi fil-kaz odjern, it-testimonjanza tal-parte civile hija l-akbar prova b'sahhitha biex tinstab htija, u l-evidenza l-ohra kollha tammonta biss ghal evidenza cirkostanzjali."*. Dan ifisser li minghajr ix-xhieda tal-*parte civile,* mhux se jkun hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza,

Konsegwentement, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li ghandha tilqa' t-talba tal-parte civile u tordna li l-proceduri kontra l-imputat jigu mwaqqfa.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tilqa t-talba tal-*parte civile,* u ai termini tal-Artikoli 543(f) u 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-proceduri odjerni kontra l-imputat jigu mwaqqfa.

Il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kumpilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti skond il-ligi.

In vista tan-natura tal-imputazzjonijiet u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tordna id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat u dak tal-*parte civile.*

**Magistrat**

**Robert Bugeja**

**Deputat Registratur**